



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2019
COM(2019) 545 final

2019/0238 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila (il-Konvenzjoni dwar l-Arja) b'rabta mad-deċiżjoni dwar l-emendi proposti tal-Artikolu 3bis u l-Anness VII mal-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar l-Arja Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (kif emendat fl-2012) .

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Arja u l-Protokoll Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku tagħha (kif emendat fl-2012)

Il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila (il-“Konvenzjoni dwar l-Arja”), adottata fl-1979, hija l-aktar ftehim ambjentali reġjonali avvanzat li jindirizza l-politika dwar l-arja nadifa.

F'Novembru 1999, fil-Konvenzjoni dwar l-Arja, intlaħaq qbil dwar il-Protokoll Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (il-“Protokoll ta' Gothenburg”), li jiffirma l-bażi tad-Direttiva 2016/2284/KE¹ dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi li ħassret id-Direttiva 2001/81/KE² dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet. Il-Protokoll ta' Gothenburg ġie emendat fl-2012. Il-verżjoni emendata daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2019.

L-Unjoni Ewropea hija Parti għall-Konvenzjoni tal-Arja³ u għall-Protokoll ta' Gothenburg kif ġie emendat fl-2012⁴. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Arja; 21 Stat Membru huma Partijiet għall-Protokoll ta' Gothenburg⁵ u 15-il Stat Membru sa issa aċċettaw l-emenda tal-2012 għall-Protokoll ta' Gothenburg⁶.

2.2. Il-Korp Eżekuttiv

Il-Korp Eżekuttiv huwa l-korp ta' tmexxija tal-Konvenzjoni dwar l-Arja u huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE, ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1–31.

² Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22–30.

³ 81/462/KEE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tniġġis transkonfini tal-arja f'distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11–24).

⁴ 2003/507/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu ta' ma' Wiċċ l-Art, ĠU L 179, 17/07/2003 P. 0001 – 0002; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar l-aċċettazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea ta' Emenda lill-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, ĠU L 248, 27.9.2017, p. 3–75.

⁵ Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (l-istatus tar-ratifiki fit-12 ta' Awwissu 2019).

⁶ Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (l-istatus tar-ratifiki fit-12 ta' Awwissu 2019).

dwar l-Arja, il-Korp Eżekuttiv għandu jirrevedi l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Konvenzjoni dwar l-Arja u l-Protokoll tagħha.

Il-Korp Eżekuttiv għandu l-għan li jilħaq id-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens⁷.

L-emendi għall-Protokoll ta' Gothenburg għandhom jiġu adottati permezz tal-kunsens tal-Partijiet preżenti f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv⁸.

2.3. L-att previst tal-Korp Eżekuttiv

Bejn id-9 u t-13 ta' Diċembru 2019, matul id-39 sessjoni tiegħu, il-Korp Eżekuttiv ser jiddiskuti u potenzjalment jadotta emendi proposti mill-Istati Uniti għall-Artikolu 3bis u għall-Anness VII tal-Protokoll ta' Gothenburg emendat ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li tiġi estiża l-possibbiltà għal pajjiżi fir-reġjun tal-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu u r-reġjun tal-Asja Ċentrali (EECCA) biex tiġi applikata skeda ta' żmien flessibbli sabiex jiġu ssodisfati ċerti obbligi biex tiġi ffaċilitata r-ratifika tagħhom tal-Protokoll ta' Gothenburg.

L-att previst se jsir vinkolanti għall-Partijiet:

- f'konformità mal-Artikolu 13bis tal-Protokoll ta' Gothenburg, li jipprevedi li l-emendi għall-Protokoll għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Partijiet li jkunu aċċettawhom fid-disgħin jum wara d-data li fiha żewġ terzi ta' dawk li kienu Partijiet fiż-żmien tal-adozzjoni jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom⁹.

- hija prevista proċedura differenti fir-rigward tal-emendi għall-Annessi IV sa XI tal-Protokoll ta' Gothenburg għal dawk il-Partijiet li aċċettawhom: dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ sena wara d-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni lill-Partijiet kollha, ħlief għal dawk il-Partijiet li jinnotifikaw lid-depożitarju li ma jistgħux japprovaw l-emenda. Fil-każ li 16-il Parti jew aktar jissottomettu notifika bħal din, l-emenda ma għandhiex tidħol fis-sehħ¹⁰.

Fil-prattika, l-emendi proposti mhux se jaffettwaw l-obbligi għall-Istati Membri peress li l-obbligi inkwistjoni diġà jagħmlu parti mill-*acquis* tal-UE u huma diġà applikati mill-Istati Membri. Madankollu, l-emendi proposti jipprovdu l-possibbiltà li l-Partijiet mhux tal-UE, b'mod partikolari fir-reġjun EECCA, ikomplu jużaw il-flessibbiltà li diġà ġiet innegożjata u miftiehma bħala parti mill-emenda tal-2012 għall-Protokoll ta' Gothenburg, għal perjodu estiż.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-iskedi ta' żmien flessibbli fl-Artikolu 3bis u l-Anness VII tal-Protokoll emendat ta' Gothenburg ġew miftiehma u adottati fl-2012 bl-iskop li jiġi pprovdut mekkaniżmu ta' dħul simplifikat biex jinkoraġġixxi ratifika minn aktar Partijiet. Sa Awwissu 2019, l-ebda pajjiż tal-EECCA għadu ma rnexxielu jagħmel użu minn din il-flessibbiltà. B'segwitu għad-diskussjonijiet dwar l-ostakli għar-ratifika eżistenti għall-pajjiżi tal-EECCA, il-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Arja fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istrateġija u r-Rieżami, li saret fl-20 u fl-24 ta' Mejju 2019, urew l-interess tagħhom li jindirizzaw u jestendu dawn l-iskedi ta' żmien flessibbli.

⁷ Ir-regoli ta' proċedura għas-sessjonijiet tal-Korp Eżekuttiv għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila kif adottati bid-Deċiżjoni 2010/9 u emendati bid-Deċiżjoni 2013/1, ir-Regola 29.

⁸ Il-Protokoll ta' Gothenburg (emendat fl-2012), l-Artikolu 13bis, il-paragrafu 3

⁹ Il-Protokoll ta' Gothenburg (emendat fl-2012), l-Artikolu 13bis, il-paragrafu 3

¹⁰ Il-Protokoll ta' Gothenburg (emendat fl-2012), l-Artikolu 13bis, il-paragrafu 7

Mingħajr l-estensjoni tal-flessibbiltà, huwa meqjus improbabbli li l-pajjiżi tal-EECCA jirratifikaw il-Protokoll fil-futur qrib. Huwa fl-interess tal-UE li l-pajjiżi tal-viċinat jirratifikaw il-Protokoll ta' Gothenburg biex jgħinu sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja transkonfini li ġej mill-pajjiżi tal-EECCA lejn l-Istati Membri tal-UE.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/2284 jirriflettu l-obbligi tal-Protokoll ta' Gothenburg.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi Deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”.

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”.¹¹

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Korp Eżekuttiv huwa korp imwaqqaf bi ftehim, b’mod speċifiku, il-Konvenzjoni dwar l-Arja.

L-att, li l-Korp Eżekuttiv huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 13bis tal-Protokoll ta’ Gothenburg.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni tal-Arja jew tal-Protokoll ta’ Gothenburg.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawk il-miri jew wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv u l-kontenut prinċipali tal-att previst huma relatati mal-ambjent.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 191 tat-TFUE.

¹¹ Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (ECLI:EU:C:2014:2258).

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 191 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Korp Eżekuttiv se jemenda l-Protokoll ta' Gothenburg fil-Konvenzjoni dwar l-Arja, jixraq li wara l-adozzjoni tiegħu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 191 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, fil-verżjoni emendata tiegħu, adottat fl-2012 ("il-Protokoll") taħt il-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila ġie approvat mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 ⁽¹²⁾ u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 13bis tal-Protokoll, il-Korp Eżekuttiv jista' jadotta emendi għall-Protokoll u għall-annessi tiegħu.
- (3) Il-Korp Eżekuttiv, matul id-39 sessjoni tiegħu ta' bejn id-9 u t-13 ta' Diċembru, irid jadotta emendi għall-Protokoll (l-Artikolu 3bis) u l-annessi tiegħu (l-Anness VII) bil-għan li jiffaċilita r-ratifika tal-Protokoll min-naħa ta' Partijiet mhux tal-UE.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Korp Eżekuttiv, peress li s-suġġett u l-kontenut tal-Protokoll li jrid jiġi emendat huma koperti mill-*acquis* tal-UE u b'mod partikolari mid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja fuq Distanza Twila għandha tkun din li ġejja:

Il-proposta mressqa mill-Istati Uniti tal-Amerka biex jiġu emendati l-Artikolu 3bis u l-Anness VII tal-Protokoll biex jiġu estenzi l-iskedi ta' żmien ta' flessibilità mill-2019 għall-2024 u mill-2022 għall-2028 għandha tiġi appoġġata.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar l-aċċettazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea ta' Emenda lill-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, ĠU L 248, 27.9.2017, p. 3–75.

¹³ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-naqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tassar id-Direttiva 2001/81/KE, ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1–31.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil biex tiġi rfinuta l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1, fid-dawl tal-iżviluppi fid-39 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila, minn rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, waqt laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*